MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 222/2006

**Socjeta' Regatta Bormla**

**Vs**

**Tarcisio Zaffarese**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tar-rikors guramentat** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti esponiet illi:

1. Illi prezenzjalment s-Socjeta' Regatta Bormla ghandha b'titolu ta' cens il-fond Mahzen numru Hamsa (5) fi Triq Santa Tereza, ix-Xatt ta' Bormla, Bormla, kif jirrizulta mid-Dokument hawn anness u markat Dok. SRB 1.

2. Illi fil-bidu tas-snin disghin, kienet silfet lill-intimat il-fond *de quo* bil-kondizzjoni illi hekk kif l-esponenti tkun trid il-fond lura, l-intimat kellu jirritorna c-cwievet ta' l-istess fond lill-esponenti minnufih, liema kundizzjoni giet accettata mill-intimat.

3. Illi meta eventwalment l-esponenti talbet lill-intimat sabiex jirritornalha c-cwievet tal-fond *de quo,* l-intimat irrifjuta illi jaghmel dan u illi jizgombra u jivvaka l-fond kif kien gie mitlub jaghmel mill-esponenti.

4. Illi l-esponenti interpellat lill-intimat sabiex jizgombra l-fond permezz ta' l-ittri legali datati 29 ta' Marzu, 2005 (hawn annessa u markata Dok. SRB 2) u 20 ta' April, 2005 (hawn annessa u markata dok. SRB 3).

5. Illi l-esponenti interpellat lill-intimat sabiex jizgombra l-fond permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Gunju, 2005 bin-numru 5192/05.

6. Illi minkejja d-diversi nterpellazzjonijiet ta' l-esponenti, l-intimat baqa' inadempjenti u hekk ghadu sallum.

7. Illi l-esponenti ghadha trid il-fond *de quo* lura;

8. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i) Tiddikjara li l-intimat qieghed jokkupa l-fond Mahzen numru Hamsa (5) fi Triq Santa Tereza, ix-Xatt ta' Bormla, Bormla minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

ii) Tordna lill-intimat jizgombra u jivvaka l-fond Mahzen numru Hamsa (5) fi Triq Santa Tereza, ix-Xatt ta' Bormla, Bormla fi zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.

iii) Tordna lill-intimat ihallas l-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Gunju, 2006.

Rat il-verbal tat - 30 ta' Gunju 2006;

Rat in-nota ta' cessjoni tas-sorte tas-socjeta attrici li zammet ferm il-kap ta' l-ispejjes;
Peress illi jirrizulta li c-cwievet gew ritornati in segwitu ghal-prezentata tal-kawza u fil-mori ta' l-istess kawza;

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet attrici
Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------